# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru : 66/2021 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**PB**

**Vs**

**SC**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' PB, datat 18 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huwa zzewweg lill-intimata SC nhar il-hamsa u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (25/04/1993) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Safi, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru erba' mija u erbghin sbarra elf disa' mija u tlieta u disghin (440/1993) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal u cioe' MB illi twield nhar X u JB illi twieldet nhar Y ghalhekk illum huma t-tnejn maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Peter Fleri-Soler tad-disgha ta' Marzu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (09/03/1999) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B".*

4. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata u lanqas hemm*

*manteniment dovut mir-rikorrenti fil-konfront ta' uliedu stante illi llum huma maggorenni;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal tnejn u ghoxrin sena (22) u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi l-partijiet ilhom de juri separati ghal perjodu li jammonta ghal aktar minn erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti;*

7. *Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet PB u SC, u ghalhekk ir-rikorrenti PB jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jogghobha:*

   I. *TIDDIKJARA li z-zwieg tar-rikorrenti celebrat ma' SB, nhar il- hamsa u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (25/04/1993) fil-Knisja Parrokjali ta' Hal Safi, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru erba' mija u erbghin sbarra elf disa' mija u tlieta u disghin (440/1993) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,*

   II. *TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata tat ruhha b'notifikata fis-seduta stante nhar il-5 ta' Mejju 2021 (vide fol 16), u wara li l-Qorti spjegat lilha id-drittijiet legali taghha, kkonfermat li ma tehtiegx assistenza legali u li ma kellhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**PB** xehed (vide fol 17) illi huwa zzewweg lil SC nhar il-25 ta' April 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldu, illum maggorenni. Ikkonferma illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 9 ta' Marzu 1999. Sostna illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum ma kienx hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama ta' dan llum l-gurnata. Di piu rigward l-manteniment tal-ulied, xehed li t-tfal ghexu mieghu u hu qatt ma talab manteniment ghalihom minn ghand martu.

**SC** xehdet (vide fol 20) fejn ikkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-***

***inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' April 1993, liema zwieg jgib c-certifikat numru 440/1993 (vide Dok A certifikat taz-zwieg, a fol 5) u minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt ulied, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler nhar id-9 ta' Marzu 1999 (vide kuntratt ta' separazzjoni, Dok B, a fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal ferm aktar zmien rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 440/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**